MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 147/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tas-16 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti datati 27 ta’ Settembru 1999, in atti Nutar Dottor Anthony Vella (Dok. A u Dok. B) u fl-iskrittura privata datata 31 ta’ Ottubru 2002 (Dok. C) is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici fis-somma ta’ tlieta u hamsin elf, disa’ mija u tnax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€53,912.21) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan u Overdraft*

*Accounts"* ta' Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D5, E1 sa E3 u Dok. F1 sa F6) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, B u C), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru 2009, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. G, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratti u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, B u C) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura privata, (b) kienu

inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

2. Tikkundanna lil Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici jhallsu flimkien u *"in solidum"* bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u hamsin elf, disa' mija u tnax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€53,912.21) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts"* ta' Dr. Keith u Fiona mizzewgin Bonnici mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D5, E1 sa E3 u Dok. F1 sa F6) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-21 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru 2009 kontra l-konvenuti li huwa ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-nota tal-konvenuti datata 10 ta' Ottubru 2011 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat;

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa Dok. G annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-intimati), bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------